Saavedra kemm dam f'Malta ma ntafax biss wara l-letteratura; il-ġenju tiegħu msaħħar wara l-"belle arti", kien iħoss il-ħtieġa li jinfirex fuq kulma hu sabiħ. Fost il-ħbieb tiegħu kellu dak il-pittur magħruf Malti Vincenzo Hyzler, magħdud fost l-aħjar pitturi tagħna, u ż-żagħżugħ Spanjol kien imur għandu jitgħallem u jitħarreġ fil-pittura. Billi bħalma għidna Saavedra kellu sens artistiku hu ma damx ma tgħallem tajjeb u tista' tgħid sar imgħallem pittur, hekk li meta wara li ħalla 'l Malta, mar Pariġi fl-1830, u naqsuh il-flus hu sata' jġaħġaħ bil-pittura.

Wara li kien ilu erba' snin f'Pariġi telgħet fuq it-Tron ta' Spanja r-Reġina Kristina li ħafret lill-eżiljati politiċi kollha u għalhekk Don Angel de Saavedra u martu reġgħu lura lejn pajjiżhom. Ftit wara li waslu, fl-1834, lil Don Angel mietlu ħuh il-kbir u għalhekk hu wiret it-titolu u l-għana tal-familja, u laħaq Duka ta' Rivas. F'dik is-sena wkoll Saavedra ħareġ ktieb ieħor "El Moro Exposito" ta' stil romantiku li kien milqugħ tajjeb ħafna fi Spanja u żied saħħaħ il-fama ta' l-awtur bħala kittieb.

Malli raġa' lura fi Spanja d-Duka ta' Rivas, kif beda jissejjaħ wara li wiret it-titolu, indaħal fil-politika u ma damx ma daħal fil-Parlament, mbagħad fl-1836 laħaq Ministru.

Imma issa kienet saret taqliba fil-fehmiet ta' Saavedra. Kif rajna, snin qabel ma kellu jitlaq u jħalli 'l pajjiżu minħabba l-idejiet liberali u xewwiexa tiegħu. Issa wara li żar pajjiżi oħra, għamilha ma' nies ta' bosta fehmiet u ra b'għajnejh u għaraf xi trodd il-ħajja, id-Duka ta' Rivas beda jaħsibha xort'oħra. Dawk li ma kenux jaqblu miegħu bdew ixerrduha li huwa qaleb u sar Konservattiv wisq. Din il-bidla fil-fehmiet tiegħu, bħall-oħra fl-istil tal-kitba tiegħu, kellha l-bidu tagħha dment li Saavedra kien f'Malta. Ir-rabta ta' ħbiberija ma' Hookham Frere u sħabu, kollha nies tal-għaqal li kienu jgħożżu l-imgħoddi, il-qagħda f'Malta, l-aktar Gżira romantika tal-Mediterran: dawn iż-żewġ kawżi ma setgħux ma jagħmlux effett fuq ħajjet Don Angel de Saavedra; huma ġagħluh jinsa l-imgħoddi ta' ħajtu, u qanqlulu xejriet u ġibdiet ġodda fix-xewqat ta' qalbu u fil-fehmiet ta' moħħu.

Din il-bidla ta' Saavedra minn liberali għal konservattiv kienet hekk sħiħa li bħalma rajna qanqlet l-egħdewwa tiegħu u ħarrxithom għalih, tant li hu kellu għal darba oħra jħalli 'l pajjiżu u jarġa' jmur Ġibiltà, fejn snin qabel kien iltaqa' u żżewweġ ma' martu.



Iżda din id-darba l-firda minn pajjiżu ma kenitx twila; ftit wara, fl-1837, ir-Reġina Kristna reġgħet sejħitlu u fissritlu l-fiduċja li kellha fih. Minn dik is-sena 'l quddiem ix-xorti għenitu lid-Duka ta' Rivas. Sadattant hu kien għamel isem f'pajjiżu u fl-Ewropa, mhux biss bħala bniedem politiku iżda wkoll bħala bniedem letterat mill-kbar; niesu għarfu l-ħila tiegħu u bdew igħożżuh kif kien jixraqlu, fil-waqt li l-barranin bdew iroddulu l-ġieh li kien jistħoqqlu. Hu laħaq Membru ta' l-Akkademja ta' Spanja u daħal f'bosta għaqdiet u xirkiet letterarji u artistiċi. Fl-1844 id-Duka ta' Rivas laħaq Ambaxxatur ta' Spanja f'Napli, fejn dam sa l-1850, u mbagħad misjur bil-għomor u miqjum minn kulħadd raġa' lura biex jistrieħ f'pajjiżu li wara ħafna snin kien għarfu u għożżu fost in-nies kbar ta' Spanja.

Qabel nagħlaq dawn l-erba' kelmiet, nixtieq insemmi li d-Duka ta' Rivas qatt ma nesa din il-Gżira tagħna li kienet laqgħetu fil-hemm tiegħu. Il-paċi u l-faraġ u l-ħbiberija li sab hawn baqgħu mwaħħlin f'moħħu saħansitra wara li kien laħaq l-ogħla unuri. Hekk, meta d-Duka ta' Rivas kien Ambaxxatur f'Napli, u f'dak ir-Renju beda t-tqanqil politiku tar-Risorġiment, hu bosta drabi ta l-għajnuna tiegħu biex vittmi tal-politika jmorru jfittxu kenn u ħelsien f'Malta.

---

## KRONAKA

### IT-TIENI XANDIRA AKKADEMIKA TAL-GHAQDA

Wara s-suċċess ta' l-ewwel xandira ġiet organizzata xandira oħra fi-24 ta' Lulju 1950, li fiha ħadu sehem dawn il-membri akkademiċi:

**Patri WISTIN BORN** — li qara silta mir-rumanz ġdid tiegħu (li għad qed jinkiteb) fejn fiha jiddeskrivi tlieta mill-persunaġġi ewlenin tar-rumanz.

**Kaptan JOE BUSUTTIL** — li qara novella aktarx umoristika jisimha "Karità". Kaptan Busuttil ħa ħafna gost għax din kienet l-ewwel okkażjoni li tkellem minn fuq il-mikrofonu.

**Is-Sur KARMENU CARUANA** — li qara "essay" interessanti ħafna jismu "Il-Jazz".

**Is-Sur ALBERT M. CASSOLA** — li qara novella umoristika jisimha "Ċensu Slaw jagħmel ikla tajba".

**Is-Sur KARMENU VASSALLO** — li qara poeżija sabiħa kemm tista' tkun jisimha "Il-għanja ta' poeta tal-bieraħ".

Dawn il-Membri Akkademiċi ġew introdotti lis-semmiegħa minn Ivo Muscat-Azzopardi li ta wkoll fil-qosor xi dettalji fuq l-attivitajiet tagħhom.

Dawk il-Membri li jixtiequ jieħdu sehem f'dawn ix-xandiriet huma mitluba biex jiktbu mill-iżjed fis lil I. M. A. biex fosthom jingħażlu l-ħames membri li se jxandru bċejjeċ ġodda fl-ewwel okkażjoni.